Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Numru: 457 / 2015

Il-Pulizija

vs

Christopher Sammut

Illum, 28 ta' Marzu 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Christopher Sammut, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 538772 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli b' diversi atti maghmulin ukoll jekk f' hinijiet u zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. bejn id-29 ta' 30 ta' Marzu 2013 f' xi hin wara nzul ix-xemx f' Tal-Pieta u/jew bnadi ohra f' dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' flus kontanti mill-istabbiliment Fino Ferramenta u/jew Choices, liema serq, li huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jeccedix €2329.37, sar ghad-dannu ta' Adrian Ferris u/jew persuni ohra;

2. fl-istess zminijiet u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara, li ma tiskorrix €1164.69 imma hija izjed minn €116.47, saret ghad-dannu ta' Adrian Ferris u/jew persuni ohra;

3. bejn is-6 u t-8 ta' April 2013, anke f' xi hin wara nzul ix-xemx f' Tal-Pieta u/jew bnadi ohra f' dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta' flus kontanti mill-istabbiliment Fino Ferramenta u/jew Choices, liema serq, li huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jeccedix €2329.37 sar ghad-dannu ta' Adrian Ferris u/jew persuni ohra;

4. fl-istess zminijiet u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara li ma tiskorrix €116.47 saret ghad-dannu ta' Adrian Ferris u/jew persuni ohra;

5. bejn is-6 u t-8 ta' April 2013, anke f' xi hin wara nzul ix-xemx f' Tal-Pieta u/jew bnadi ohra f' dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta' tlett laptop computers mill-istabbiliment Anteprima Brand International Ltd., liema serq, li huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jeccedix €2329.37 sar ghad-dannu ta' Marco Viale u/jew persuni ohra;

6. sar recidiv b' sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati liema sentenzi saru definittivi u talli wettaq reat/i waqt il-perjodu operattiv ta' zewg sentenzi ta' probation li jgibu d-dati 21 ta' Marzu 2012 u 11 ta' Gunju 2012;

7. ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza datata il-11 ta' Gunju 2012.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Ottubru, 2015 fejn il-Qorti wara filwaqt li ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b' hekk illiberatu mill-imsemmija imputazzjonijiet, wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali datata 27 ta' Mejju 2014 u senjatament Artikoli 18, 28A, 28B, 49, 50, 261(b), 261(c), 261(f), 263, 267, 270, u

289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lillimputat Christopher Sammut hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tal-hames (5), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u filwaqt li ggib fis-sehh is-sentenza ta' seba' (7) xhur prigunerija li kienet giet sospiza ghal perjodu ta' sentejn, kkundannat lill-imputat ghal perijodu iehor ta' erba' (4) snin prigunerija, biex b' hekk l-imputat Christopher Sammut ikun gie globalment ikkundannat ghal perjodu ta' erba' (4) snin u seba' (7) xhur prigunerija. Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jew periti f' dawn il-proceduri, u cioe is-somma ta' elfejn, mitejn u wiehed u ghoxrin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€2,221.25).

Rat ir-rikors tal-appellanti Christopher Sammut minnu pprezentat fl-20 ta' Ottubru, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellanti gie lliberat mit-tieni u r-raba akkuza u thassarha u tirrevokha billi tilliberah minn l-akkuzl kollha l-ohra.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Illi l-aggravju tal-esponenti huwa wiehed ta' natura pjuttost akkademika u msejjes anke fuq kif dawn il-Qrati jitrattaw is-sejba ta' impronti digitali tal-imputati. Illi punt kardinali li wiehed irid izomm f' mohhu biex oggettivament japrezza ahjar it-tezi tal-appellanti huwa l-fatt li x-xena tad-delitt hija maghmula minn blokka bini kbira.

Illi f' dina l-blokka bini hemm numru ta' officini u stabbilimenti diferenti fosthom dawn derubati. Illi l-impronti tal-appellanti ma' nstabux gol-fondi misruqa izda fuq barra ta' partijiet komuni ta' dina l-blokka:

Illi inizjalment dawn il-Qrati ma' kienux isibu htija sempliciment b' impronta digitali wehidha anke fuq ix-xena tad-delitt u dana ghaliex id-dottrina kienet tistipula li prova cirkostanzjali wahda wehidha mhux bizzejjed ghal sejbien ta' htija. Maz-zmien kien hemm evolviment fis-sens li jekk tinstab impronta digitali fuq ix-xena tad-delitt,

ikun hemm spostament tal-oneru tal-prove ' n kwantu l-akkuzat ikun mistenni jaghti spjega ta' kif dika l-impronta sabet ruhha hemm;

Illi pero' u hawn huwa l-ilment principali tal-appellanti u cioe li tali zvilupp guridiku, sehh in kwantu jirrigwarda impronti li jinsabu fuq ix-xena tad-delitt u mhux kif ghandna fil-kaz in ezami. Illi ghas-sahha tal-argument li kieku kienu nstabu impronti tal-appellanti mnejn insterqu l-flus jew fis-serqa l-ohra l-computers wiehed kien jifhem I-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti izda hawn ghandna kaz fejn per ezempju saret serqa fil-hanut ta' Costa Cafe gewwa l-Embassy Complex magenb il-Qorti u nstabu impronti tal-akkuzat fit-tieqa tal-hanut tal-Agenda li wkoll ezempju jinsab fl-istess stabbiliment ghal minn huwa familjari ma' dina l-binja. Illi f' sitwazzjoni bhal dina l-esponenti jikkontendi li f' area guridika li sa certu punt tmur kontra d-dotrina tradizjonali inkwantu l-ispustament tat-prove meta jinstabu impronti digitali, wiehed irid jaghti interpretazzjoni restritiva u mhux iwessa aktar r-riga biex ghal kull impronta li tinstab anke jekk tkun metri u metri boghod mis-serqa per se wiehed jistenna li anke f' kazijiet remoti tinghata l-ispjega tal-imputat kif sehh fil-kaz in ezami;

Illi l-appellanti huwa aktar sorpriz bil-motivazzjonijiet tal-Ewwel Qorti ghaliex f' gurisprudenza tal-istess Qorti kif preseduta vide Pulizija vs. Jonathan Mizzi (Mag. Neville Camilleri 13.10.2015), Pulizija vs Sebastian Farrugia (Mag. Neville Camilleri 10.12.2012), it-tezi tal-appellanti kif hawn umilment esposta, giet imhaddna minn dika l-Qortl u ghalhekk wiehed jifhem li mhux biss ghal finijiet ta' korretezza akkademika izda anke sa certu punt sabiex tkun tezisti omogenjita fis-sentenzi, wiehed kien jispetta li l-appellanti jigi allura liberat minn kull akuza lilu addebitata n' kwantu s-sitt [6] u s-[7] akkuzi huma konsegwenzjali ghal l-ohrajn.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi nhar l-20 ta' Mejju 2013 xehed l-allura **Spettur Godfrey Azzopardi** u dan spjega illi nhar it-30 ta' Marzu kient giet rapportata serqa mill-fond Fino Ferramenta fi Triq San Luqa, Pieta' fejn allegatament gie rapportat ili kienu gew misruqa madwar tlett mitt Euro (300) fi flus kontanti li kienu gewwa zzewgt ikxaxen tal-cash registers. Fi-fatt ir-rapport sar minn Adrian Ferris li huwa sid l-istabiliment u kkonferma li s-serqa saret bej il-lejl tad-29 u 30 ta' Marzu. Qal li kien ghalaq l-istabbiliment fid-29 ta' Marzu ghall-habta tas-1.00pm u induna bis-serqa l-ghada filghodu meta mar biex jiftah ghall-habta tat-8.00a.m.
Minn investigazzjoni li sar irrizulta illi minn dahal fil-post irnexxielu jaghmel dan minn fuq il-bejt fejn kien hemm penthouse ghadha shell form u kienet daqxejn poorly secured imbaghad irnexxielu jinzel fil-partijiet komuni ta' din il-blokka u sussegwentement irnexxileu jidhol f'dan il-fond u minn hemmhekk saret is-serqa. Kellhom serqa ohra mill-istess fond li giet rapportata fit-8 ta' April 2013 mill-istess persuna Adrian Ferris fejn qalilhom li din is-serqa allegatament sehhet fil-weekend bejn is-6 u it-8 ta' April. Din id-darba pero' insterq madwar erba' mitt euro (€400) u xi deposits ohrajn li b'kollox jammontaw ghal hames mitt euro (€500).
Waqt li kienu qed jinvestigaw din is-serqa certu Mario Viale ghan nom tas-sit Anteprima Brand Limtied kien irraporta li xi hadd kien dahal fl-ufficini tieghu u kien seraq tlett laptops u computers, tnejn ta' l-ghamla Apple u iehor ta' brand diferenti. Qal li ghandu bieb tal-hgieg u kien sabu dislocated pero' ksur per se ma kienx hemm. Izda meta ipprova jidhol peress li l-bieb kien dislokat inkisret parti mill-hgieg.

Fiz-zewg okkazzjonijeit isejjhu l-membri tal-Forensika tal-pulizija tas-Soco fejn ittiehdu xi ritratti u elevaw xi fingerprints minn fuq il-bibien u minn postijiet ohrajn. Dawn ma hadmux fil-kors tal-inkjesta izda hadmu bhala *police work* .

In segwitu gew mghoddija CCTV recordings li intbaghat lilihom mnn Adrian Ferris fejn dehret persuna li kienet qed taghtti wiccha pero' f'hin minnhom dan il-flok li

kien itella' fuq wiccu nizzillu u l-camera irnexxilha taqbad xi partijiet ta' din il-persuna inkluz wiccu.

Huwa pprezenta dawn hmistax-ir ritratt li gew prodotti bhala stills, li gew markati bhala dok GA1 sa GA15.

Il-perunsa tidher li kienet dahlet fid-29 ta' Marzu 2013 ghal-habta ta' 9.00p.m u zewg okkazjonijiet ohra fis-6 ta' April ghall-habta tal-11.00p.m u fis- 7 ta' April 2013 ghall-habta taas-2.00pm u kien libes l-istess hwejjeg.

Jghid li appena ra r-ritratti mill-ewwel xebbah l-persuna bhala dik tal-appellant peress li kellu ftit konoxenza tieghu minn qabel u fil-fatt gie imsejjah biex isirulu xi mistoqsijiet fuq dawn l-incidenti. Saret ukoll tfittixija wara li inhareg mandat u eleva flokk vjola li jidher li kien libes l-imputat u anke slippers peress li ghandu xi features partikolari ili dehru fil-filmat. Stqarr li l-appellant ma wiegeb l-ebda domanda kif kellu dritt jghamel pero' accetta li jittiehdulu xi fingerprints. Sar ukoll ezercizju biex dawn gew komparati mal-improtni li gew elevati mill-fondi li gew derubati u kien gie infurmat verbalment li kien hemm positive match iz-zewg serqiet u kienu jammontaw ghall-aktar minn sebgha wiehed.

Illi nhar it-23 ta' Settembru 2013 ix-xhud pprezenta sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet, il-Pulizija (Spettur Silvio Valletta) vs Christopher Sammut b'karta ta' identita numru 538772M li giet markata bhala dok GA 16.

**Adrian Ferris** ikkonfemra ir-rapport li kien ghamel lill-pulizija u spjega li l-ufficini taghhom qedin gewwa l-istabbiliment maghruf bhala Fino Ferramenta, G'Mangia. Din tikkonsisti f'showroom, zewg sulari ta' ufficcini ta' l-ghamara u r-raba' sular hu mikri lis-socjeta' Taljana imsejha Antreprima.

Fl-ewwel incident jiftakar li kien dahal fil-fond u sab partition tal-gypsum imcaqalaqa pero' s-sliding door li hija l-entratura tax-showroom kien maghluq, imsakkar. Huwa fetah u dahal. Quddiem il-partition kien hemm stand imressaq u

dvalja maqluba ghax tressaq il-partition. Qal li l-flus cash fl-ammont ta' tlett mitt euro (300) ma kienux hemm. Fit-tieni okkazzjoni f'April 2013 hadulu s-somma ta' hames mitt euro (€500). Bhala hsara jghid li nefaq is-somma ta' cirka €94 peressli l-bieb tilef l-alignment.

**Nicholas Ferris** xehed u kkonferma li kienu dahlu fl-istabiliment tieghu f'zewg okkazjonijiet u appena sar jaf dan mar jivverifika ic-CCTV cameras li kellu fil-fond u minn ezami ta' l-istess innotat il-hin tas-serqa u ghahekk gie muitlub jghaddi kopja tar-recording fuq CD lill-pulizija. Huwa ghamel kollox fuq CD wiehed u poggih f'envelope maghluq u ghaddih lill-ispettur Kurt Zahra.

**Marco Viale** xehed nhar l-20 ta' Mejju 2013 u kkonferma li ghandu negozju hawn Malta fejn ibieghu prodotti tat-trabi fis-suq Internazzjonali mhux lokalment. Stqarr li l-ufficcju taghhom jinsab fl-istabbiliment Fino Ferramenta fit-tielet sular. Qal li kienu dahlulu fil-Gimgha l-Kbira u hadulu xi hamsin euro (€50) u ghalhekk ma kien ghamel xejn. Il-Gimgha ta' wara pero' dahlulu u hadulu tlett computers MAC computers. Tnejn minnhom kien xtrahom ghal prezz ta' €757.06 skond invoice li ghadha ghandu oltre l -VAT. Dawn kienu inxtraw gewwa l- Italja. L-iehor pero' kien qadim u mixtri fis-sena 2009 u ma jafx il-valur tieghu. Huwa pprezenta l-invoice li gie markat bhal dok MV1 pero' bejn wiehed u iehor jiswa xi hames jew sitt mitt euro. Stqarr li huwa jopera minn dan l-ufficcju pero' ma jarax klijenti hemmhekk.

**PC 910 Shaun Pace** stqarr li huwa kien gie imsejjah mill-allura Spettur Godfrey Azzopardi biex imur fil-fond numru 1, Triq San Luqa, Ferris Buildings, G'mangia u gibed 59 ritratt li gew esebiti u markati bhala dok SP1. Maghhom huwa esebixxa ukoll hames lifters li hadu minn fuq xi bibien li kien hemm fil-bini. In segwitu huwa ghaddihom lid-dipartiment tal-Forensika biex jigu processati.

**PS 404 Paul Camilleri** xehed u kkonferma li nhar it-8 ta' April 2013 fuq struzzjonijiet ta' l-ispettur Azzopardi kien acceda fil-fond Fino Ferramenta u hemmhekk saru xi ezamijeit forensici bhala police work. Huwa gharaf ir-relazzjoni kongunta tieghu esebita fl-atti, liema relazzjoni kien ghamel ma PC 910. Huwa kien hadem bhala fotografu u gharaf ir-rirtratti esebiti li gew mehuda minnu.

**PS 1134 Raymond D'Ambrogio** stqarr li kien mar fil-hanut Fino Feramenta biex jghamel ix-xoghol tieghu dwar serqa li saret minn dak l-istess fond bejn id-29 u t-30 ta' Marzu, 2013. Huwa pprezenta l-okkorenza li giet markata bhala dok RA1. Stqarr li kien gie raportat minn Adrian Ferris li insterqet is-somma ta' tlett mitt euro cash (€300) mill-cash register.

**PS 1176 Kurt Zahra** stqarr li nhar it-8 ta' April 2013 huwa kien qieghed jaghmel ir-ronda fi Triq San Luqa, Pieta' meta iltaqa ma Adrian Ferris ghall-habta tas-7.20a.m fejn dan irraporta mieghu li xi hadd mhux maghruf kien dahal go l-istabbiliment tieghu Fino Feramenta u innota li kien hemm sgass. Il-malvivent kien mexxa gypsum board imbottaha u ottjena access u qallu li kien sab €400 fi flus kontanti neqsin mill-cash register. Huwa sspezjona il-fond flimkien ma dan Adrian Ferris u innota li fit-tieni sular kien hemm is-serratura sgassata ta' show room li kien ta' l-ghamra pero' ma kien hemm xejn nieqes minn hemm. Fil-penthouse fuq nett kien hemm sereratizz mat-tieqa li kien maqluh u b'hekk it-tieqa ma kienitx imsakkra. Innota li fit-tarag kien hemm pass marka taz-zarbun bit-trab tat-torba stess direzzjoni 'l isfel. Aktar tard infurmaw lis-sid tas-socjeta' Anteprima Brand Limited li jokkupa it-tielet sular u irrizulta li kellu xi affarijiet misruqa fosthom tlett laptops tal-marka Apple. Huwa pprezenta l-okkorenza mehuda minnu li giet markata bhala dok KZ1 ( fol. 105). Illi nhar l-10 ta' Marzu 2014 huwa pprezenta il-footage f'forma ta' CD li hadmu fuqu li gie markat bhala dok KZ2.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni registrata fl-atti nhar it-8 ta' Lulju 2013 fejn talab li jigi nomiant eseprt biex jiehu l-impronti digitali tal-appellant bil-ghan li wara jsir ezami komparattiv bejn il-lifters u l-impronti digitali tal-appellant. Dakinhar stess il-Qorti laqghet it-talba u nnominat lil Joseph Mallia ghal dan il-ghan.

Illi nhar it-23 ta' Settembru 2013 deher is-Sur Mallia u ha l-impronti digitali tal-appellant li gew markati bhala dok JM1 u JM2 u irtira l-istess zewg dokumenti sabiex jghamel l-esami komparattiv kif kien ordnat jghamel fid-digriet tal-Qorti.

Nhar it-30 ta' Settembru 2013 xehed **Joseph Mallia** u pprezenta r-relazzjoni tieghu li giet markata bhala ok JM3 li tikkonsisti fl-ezami komparattiv li sar bejn l-impornti li gew elevati mix-xena tad-delitt u l-impronti digiali mehuda minn fuq il-persuna tal-appellant. Ikkonkluda li kien hemm zewg impronti digitali li kienu jaqblu pozittivament ma dawk tal-appellant u ghalhekk huma identici mas-sebgha tan-nofs ta' l-id ix-xellugija tieghu. Illi minn esami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta li l-lifter 13BAU305 li qabel mas-saba' tan-nofs ta' id ix-xellugija tal-appellant gie elevat minn fuq bieb naha ta' gewwa ta' Choices showrom fit-8 ta' April 2013.

Illi nhar it-28 ta' April 2014 rega' xehed u pprezenta rapport iehor li gie markat bhala dok JM4. Huwa ghamel ezami komparattiv bejn l-impornti digitali tal-appellant mehuda minnu stesss nhar l-10 ta' Marzu 2013 mal-impronti digitali li kienu gew elevati minn PS 465 Daniel Abela nahar it-30 ta' Marzu, 2013 mill-fond Fino Ferramenta u kkonkluda li tlieta minn dawn l-impronti elevati mix-xena tad-delitt qablu posittivament mal-marka tas-seba l-kbir ta' l-id il-leminija tal-appellant, waqt li tlieta ohra qablu mas-seba l-kbir ta' l-id ix-xellugija tal-appellant kif imfisser fl-istess rapport dok JM4.

**PS 465 Daniel Abela** xehed u pprezenta ir-relazzjoni tieghu li giet markata bhala dok DA1. Spjega illi nhar it-30 ta' Marzu, 2013 kien gie mitlub mill-ispettur Sarah Magri biex jaccedi fil-fond Fino Ferramenta fejn kien gie rapportat li saret xi serqa. Huwa acceda fuq il-post u ha hsieb sabiex ifittex l-impronti digitali u xi evidenza ohra. Fir-relazzjoni tieghu dok DA1 hemm disa' lifters. U disa' ritratti black and white.

L-**ispettur Sarah Magri** xehdet nhar it-30 ta' Settembru, 2013 u pprezentat ic-certifikat tat-twelid tal-appellant li gie markat bhala dok SM1, flimkien ma zewg sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati nhar id-19 ta' Lulju 2010 u 11 ta' Gunju, 2012. Dawn gew markati bhala dok SM2 u SM3 rispettivament. Esebiet ukoll xi oggetti li gew elevati min fuq l-post fejn sehhet is-serqa fosthom flok u zarbun li gew markati bhala dok SM4.

**PS 122 Arthur Borg** jghid li huwa kien gie imsejjah mill-ispettur Sarah Magri sabiex jiehu xi ritratti fil-fond Fino Feramenta. Huwa pprezenta l-faxxikolu tieghu li gie markat bhala ok AB1. Ikkonferma li dan kollu sar bhala *police work.*

L-appellant iddikjara fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2015 ( fol. 255) li ma kienx ser jixhed f'dawn il-priceduri kif del resto kellu kull dritt li jghamel.

Rat it-trattazzjoni traskritta esebita fl-atti a fol. 257 u semghet it-trattazzjoni verbali nhar is-7 ta' Frar 2019.

Ikkunsidrat,

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan l-kaz huma s-segwenti:-

1. Illi Adrian Ferris mar jirraporta li kienu dahlulu fil-fond tieghu Fino Ferramenta gewwa G'Mangia bejn id-29 u t-30 ta' Marzu, 2013 u serqulu is-somma ta' tlett mitt euro (€300) u darb ohra fit-8 ta' Marzu 2013 meta serqulu is-somma ta' hames mitt euro (€500).
2. Mario Viale li jikri it-tielet sular ta' l-istabbiliment Fino Ferrametna minghand Adrian Ferris stqarr li kienu dahlulu fit-8 ta' April 2013 u serqulu xi laptops li l-valur taghhom hu ta' €3736.20 skond l-invoice esebita fl-atti a fol. 33 markata bhala dok MV1.
3. Illi l-pulizija hadmu fuq dan il-kaz bhala poice work u bl-ghajnuna tal-vizwali li ingahtaw lilhom mid-derubati l-ispettur Godfrey Azzopardi wasal biex jidentifika lill-appellant u dan ghaliex kien jafu fi zmien antecedenti ghal-kaz in dezamina.
4. Illi fuq ix-xena tad-delitt gew mehuda xi impronti digitali li gew esebiti fl-atti.
5. In segwitu tressaq il-Qorti l-appellant u ittiehdu l-impronti digitali tieghu minn Joseph Mallia u dan b'ordni tal-Qorti u sar esami komparattiv bejnhom u bejn l-impronti digitali elevati mix-xena tad-delitt u dan l-esercizzju ta' rizultat posittiv fis-sens ta' match kif deskritt aktar 'l fuq.
6. L-appellant kif kellu kul dritt jghamel ghazel li ma jixhedx u statne li l-istqarija li hwua irrilaxja giet rilaxxjata qabel ma giet adottata fis-sistema legali

taghna id Direttiva tal- EU 2013/48 din il-Qorti ser tiskarta din l-istqarrija in toto.

Ikkunsidrat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-impronti digitali ttiehdu b'mod regolari u skond l-ligi w huma ammissibbli bhala prova. Stabbilit dan il-punt, u cioe l-ammissibilita' tal-konkluzzjonijiet tal-esperti tal-impronti digitali, wiehed irid jara jekk il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jwasslux ghal htija tal-akkuzat dwar r-reati.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal gabra ta' sentenzi citati fis-sentenza moghtija minnha fl-ismijiet **il-Pulizija v Malcolm Mifsud**[1].

Ma hemmx ghalfejn wiehed jirrepeti l-esposizzjoni ta' **Lord Denning** tal-grad ta' prova li din l-espressjoni timplika.

"*That degree is well settled. I need not reach certainty, but it must carry a high degree of probability. Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice.*" (**Miller v Minister of Pensions** [2])

Is-success fl-impront digitali ghar-risultat forensiku jiddependu fuq tlett kolonni, l-ewwel wahda minnhom hija li l-ezami komparattiv isir bi precisjoni, liema dover jaqa fuq l-espert nominat mill-Qorti. It-tieni kolonna hija li t-tehid tal-impronti digitali sar b'mod legali u trasparenti u t-tielet kolonna hija li l-impronti digitali huma evidenza cirkostanzjali, liema tip ta' evidenza tindika izda ma timplikax htija wahedha.

[1] Mghotija mill-Qorti tal-MAgistrati ( Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-3 ta' Settembru 2007
[2] 1947 - 2All E.R. 372, pp. 373-374.

Naturalment t-tehid tal-impront digitali irid jittiehed b'mod trasparenti ghalhekk fin-nuqqas anke l-Ufficjal tal-Pulizija jkollu jirrispondi u minflok indizju tal-prova isib evidenza dubbjuza, kif gara fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v Martin Gaffarena**[3]. Bhala principju generali "*fingerprints are meant to assist the quest of the truth and not to falsify it*" kif sostna **Francis Galton**.

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija v Jason Lee Borg u Alan Camilleri** [4]:

"*Provi jew indizzji cirkostanzali ghandhom ikunu uniovoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova.*"

Din il-Qorti thoss il-htiega li taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-isimijiet **Il-Pulizija v Victor Gatt**[5]. F'din is-sentenza il-Qorti sostniet li l-kaz tal-prosekuzzjoni tistrieh fuq il-fatt li nstabu l-impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-whisky misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Illi fih innifsu ghalkemm dan hu ndizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whisky u xejn aktar.

Il-Qorti taqbel ma dik s-sentenza fic-cirkostanzi tal-fatti li kellha quddiemha ghalkemm setgha kien il-kaz li dak l-imputat kien mess il-flixkun qabel ma spicca fil-hanut. Pero' din is-sentenza ma tfissirx kif dan l-Avukat Difensur jrid jfisser u cioe' li l-prova ta' fingerprints wahedha mhux bizzejjed biex titqies bhala prova cirkostanzjali ghas-sejba ta' htija. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizja v Emanuel Camilleri**[6] gie deciz li:

---

[3] Deciza mill-Qorti Kriminali fit-tlieta w ghoxrin ta' Jannar, 1996

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hmistax ta' Gunju, 1998

[5] Mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-sebgha w ghoxrin ta' Mejju, 1999

[6] Mghotija mill-Qorti tal-Magistrati ( Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it- tletin ta' Gunju, 1998

"*… f'dak il-kaz il-prova tal-fingerprints kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. pero' hemm kazijiet fejn il-prova tal-fingerprints wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza.*"

Fil-fatt fl-Ingilterra fil-kaz **R v Castletan**[7] gie deciz li:

"*Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification.*"

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Mejju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **il-Pulziija v Anthony Abela**[8] fejn dik il-Qorti sostniet li:

"*F'post pubbliku bhal ma huwa hanut, cinema, knisja jew hanut tax-xorb, ma jistghax jinghad li legalment is-sejba ta' marka tas-swaba ta' xi hadd f'dawk il-postijiet hija sufficjenti biex ssib htija fuq sid dik il-marka ghaliex dawn huma postijiet pubblici frekwentati minn numru kbir ta' nies li jkollhom tracci bhal fingerprints.*"

Din il-Qorti ghalkemm taqbel mas-suespost bhala principju generali thoss li l-prova tal-fingerprint ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova tal-Prosekuzzjoni u legalment u ma hemmx bzonn ta' xi korroborazzjoni tal-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghal htija. Dan ghaliex sid il-fingerprints misjuba, ghandu jaghti spjegazzjoni taghha biex huwa jipprova jgheleb din il-presunzjoni ta' htija, per ezempju li gieli dahal fil-fond jew setgha mess l-oggett li nstab fil-fond meta kien band'ohra.

Ta min jfakkar dak li jghid l-awtur **Keith Simpson** fil-ktieb tieghu **Forensic Medicine**[9] :

"*Glanton estimated that: The chance of two points from different fingers being identical was less than one in sixty four thousand millions - some thirty times the world population. It is perhaps more significant that never yet, in the world's crime records have identical prints come to light unless from the same finger.*"

---

[7] 3 Cr App R - 74, CCA ( vide Archbold 1997 para 14-97

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it--tmienja w ghoxrin ta' Mejju, 1998

[9] 6th Edition pagna 19

Kif tajjeb osservat il-Qorti fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Bernard Muscat u Mark Zahra</u>**:

"*Mhux rikjesti hafna provi u korroborazzjonijiet biex il-Qorti tasal ghal konvinciment skond l-ligi, izda bizzejjed prova wahda jekk din tasal biex tissodisfa r-rekwizit tal-konvinciment morali mill-htija tal-akkuzat.*"

Fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **<u>Repubblika ta' Malta v Emanuel Previ</u>**,[10] dik il-Qorti sabet lil imputat hati tal-akkuzi ta' serq addebitati lilu peress li ma tax spjiegazzjoni ta' kif instabu l-impronti digitali tieghu fuq s-shutter tal-fond misruq meta l-imputat kien innega li kien qatt mess dak ix-shutter.

Issa fil-kaz in desamina jirrizulta li in effetti illi fi zmien qasir hafna kien hemm tlett serqiet mill-ufficcini tal-istabiliment Fino Ferramenta u cioe wiehed bejn id-29 u it-30 ta' Marzu 2013 u tnejn ohra minn zewg ufficcini serparati pero' fl-istess edificio nhar it-8 ta' April 2013 ghad detriment ta' Adrian Ferris u Marco Viale. Fl-ufficcju ta' Viale jirrizulta li ma jidhlux nies kuntrarjament ghal li ittenta jghid l-appellant meta pparaguna dan il-kaz daqslikieku l-impronta instab gewwa l-kumpless tal-Embassy u instab hati ghaliex kien hemm impronta fuq il-vetrina ta' Cafe Costa u dan ghaliex kif stqarr Viale stess huwa ufficcju minn fejn jopera u ibiegh prodotti tat-trabi fis-suq internazzjonali u li ma jarax klijenti hemm. Dan ifisser li ma hemm l-ebda raguni il ghala l-impronta digitali tal-appellant kellha tinstab hemm. Fir-rigward taz-zewg serqiet l-ohra li sehhew mill-ufficini dirett u cioe' mill-cash register ta' Adrian Ferris jirrizulta li dan hu ufficcju li ibiegh ghamara u mhux xi ufficcju bhal per ezempju xi hanut graocer jew bar fejn jidhlu hafna neis u ghalhekk seta' jaghti l-kaz li l-appellant dahal hemm ghal dak il ghan. Kien jispetta lill-appellant jipprova li hu ma kienx xtara xi ghamara jew li ma marx f'dawk l-ufficcini isaqsi ghal xi ghamara.

Jinghad minn din il-Qorti li l-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – "*circumstantial evidence*" – li kif qal **Lord Salmon** fil-kaz **<u>DPP v.</u>**

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar d-disgha w ghoxrin ta' April, 1982

**Kilbourne**[11] *"…works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities."*

Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku – il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat. Hekk, per ezempju, impronta misjuba f'bank fil-parti fejn il-pubbliku ghandu access u meta jirrizulta li l-imputat kien jiffrekwenta dak il-bank ftit li xejn tista' sservi ta' prova kontra dak l-imputat jekk huwa jigi akkuzat b'serq minn dak il-bank. L-istess ma jistax jinghad, pero`, jekk dik l-impronta tinstab fuq il-bieb ta' l-istrongroom tal-bank fejn l-impjegati tal-bank biss jistghu jidhlu u meta l-imputat ma hux tali impjegat u ma jirrizultax li qatt kellu ghalfejn jersaq lejn dak il-bieb .

Illi ghalhekk wiehed jistaqsi, dina l-prova wahedha hija sufficjenti sabiex wiehed jikkonkludi illi l-imputat kien involut f'dina is-serqa? Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn ta'l-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita' tal-imputat.

Illi m'hemm l-ebda spjegazzjoni ghalfejn l-appellant Sammut kellu l-impronti digitali proprju fuq il-bibien tal-ufficini hlief jekk mhux ghaliex kien involut f'din is-serqa. Dan apparti l-fatt li wiccu jidher ukoll sew mil-filmat kif muri fir-ritratti jew ahjar stills esebiti u markati bhala dok GA6, GA7, GA8 u GA9. Anke l-flokk li elevat il-pulizija minghand l-appellant ta' kulur vjola u esebit f'dawn l-atti a fol. 165 markat bhal dok SM4 jassomilja hafn ail-flok li l-appellant kien ibes waqt is-serqa kif muri fl-istills. Mhemmx dubbju li l-istill dok GA 1 sa GA 15 juru lill-appellant proprju fl-att tas-serqa per se.

[11] 1973] AC 729, p. 758

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward il-htija fir-rigward l-akkuzi kollha ghajr ghat-tieni u ghar-raba akkuza kif ukoll dwar fir-rigward it-tieni u r-raba akkuza fejn il-ewwel Qorti ma sabitux hati u illiberatu minnhom u tikkonfermha wkoll in kwantu l-piena nflitta.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur